**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Bryan Bouhadana**

**Illum 11 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Bryan Bouhadana** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled ġewwa Franza nhar is-6 ta' Jannar 1998, residenti ġewwa 9, Rue Elysee Coustere Salies De Bearn (64) Franza, u detentur tal-Karta ta 'l-Identità Franċiża bin-numru 141264300978, talli nhar fl-10 ta' Mejju 2023, għall-ħabta tas-19:20 ta' filgħaxija, ġewwa Triq Sir Anthony Mamo, Birkirkara:-

1. Bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-541, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pierre Delsaut, hekk skond kif iċċertifikat minn Dr. Lara Azzopardi M.D. (Reg. No: 4543) mill-Isptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-541, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Annalise Psaila, hekk skond kif iċċertifikat minn Dr. Kimberly Micallef M.D. (Reg. No: 4603) mill-Isptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna, jew għamel xi ħsara jew ħasart ghad-dannu ta Annalise Psaila;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DQZ-541, qabeż il-linja bajda kontinwa;

5. U finalment, talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-541, bi traskuraġni u/jew b'mod perikolużu/jew bla kont;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, il-Qorti tordna li Bryan Bouhadana jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq.

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, il-Qorti tikkundanna lil Bryan Bouhadana għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioè: (i) Rapport tal-Pulizija Numru 9/POL/3170/2023 - Dok. "A"; (ii) Fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) Fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tal-imputat maħruġa mill-Awtoritajiet Franċiżi - Dok. "C"; (iv) Ċertifikat mediku pertinenti għall-ġrieħi sofferti minn Pierre Delsaut - Dok. "D"; (v) Ċertifikat mediku pertinenti għall-ġrieħi sofferti minn Annalise Psaila - Dok. "E".

Semgħet is-sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar fl-10 ta' Mejju 2023, għall-ħabta tas-19:20 ta' filgħaxija, ġewwa Triq Sir Anthony Mamo, Birkirkara:- (1) bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-541, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pierre Delsaut, hekk skond kif iċċertifikat minn Dr. Lara Azzopardi M.D. (Reg. No: 4543) mill-Isptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ-541, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Annalise Psaila, hekk skond kif iċċertifikat minn Dr. Kimberly Micallef M.D. (Reg. No: 4603) mill-Isptar Mater Dei, u/jew minn diversi tobba oħra; (3) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna, jew għamel xi ħsara jew ħasart ghad-dannu ta Annalise Psaila; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DQZ-541, qabeż il-linja bajda kontinwa; (5) u finalment, talli fl-istess data, ħin, lok u

ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot bin-numru ta 'reġistrazzjoni DQZ-541, bi traskuraġni u/jew b'mod perikolużu/jew bla kont.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali Maltija netta u l-fatt li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 226(1)(a)(ċ) u 328(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u 55 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali Maltija netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' erba' (4) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi in konnessjoni ma' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri nfetħet Inkjesta, liema Inkjesta sa' llum għadha mhux konkluża, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**